MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2008

Avviz Numru. 174/2006

**Antonia Calleja (608353M)**

**Vs**

**Peter Grima (547681M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti talbet sabiex l-intimat jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jizgombra, jirrilaxxa u jhalli liberu a favur tar-rikorrenti u jikkonsenjalha c-cwievet tal-fond 42, qabel 186, Marsa Road, Marsa, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti u dan stante li assenja jew ittrasferixxa l-lokazzjoni ta’ dan il-fond lil terzi persuni minghajr il-kunsens bil-miktub tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ai fini ta’ kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizzju ma jeccedix il-Lm150 fis-sena.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat waqt is-seduta tad-9 ta’ Jannar 208 a fol 17 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher a fol 17 tal-atti, kien deher l-intimat quddiem din il-Qorti u ddikjara li kien ser jikkontesta t-talba tar-rikorrenti u l-istess Qorti taghtu l-fakolta li jippresenta l-eccezzjonijiet tieghu bil-miktub fi zmien ghoxrin (20) jum mid-9 ta’ Jannar 2008. Filfatt l-intimat ma ppresenta l-ebda nota ta‘ eccezzojonjiet u lanqas deher quddiem l-istess Qorti fis-seduta tallum stess, avolja debitament msejjah.

Ikkunsidrat

Illi da parti taghha, illum stess, ir-rikorrenti xehedet u taht gurament, ikkonfermat il-kontenut tar-rikors in esami fis-sens li l-intimat kien assenja jew ittrasferixxa l-lokazjoni tal-post in kwistjoni minghajr il-kunsens, bil-miktub, da parti taghha.

Ikkunsidrat

Illi a bazi ta’ dak premess, it-talba tal-intimat ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talba tar-rikorrenti kif dedotta mill-istess rikors u tikkundanna lill-konvenut sabiex jizgombra, jirrilxxja u jhalli liberu a favur tar-rikorrenti kif ukoll jikkonsenja c-cwievet tal-fond numru 42, qabel 186, Marsa Road, Marsa u dan kollu sat-13 ta’ April 2008, stante li l-intimat assenja jew ittrasferixxa l-lokazzjoni tal-istess fond lil terzi persuni minghajr il-kunsens bil-miktub tar-rikorrenti.

Bl-ispejjes ta’ din il-procedura tithallas mill-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------